# Kunsill Reġjonali Lvant

---

## MINUTI

### Laqgħa tar-Reġjun Numru 18

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

It-Tnejn 20 ta' Marzu, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow u mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

18.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri b'mod unanimu.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 17 li nżammet nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

18.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, sekondat mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci.

## 18.3 Komunikazzjoni mill-President

18.3.1 Il-President, Anthony Chircop, informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 1 ta' Marzu 2023 mal-Ministru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal, l-Onor Michael Falzon, sabiex jiġi diskuss l-avveniment li kien ser jinżamm ġewwa l-Ministeru stess nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2023 kif ukoll sabiex inressqu t-talba tagħna sabiex dan ir-Reġjun jerġa jżomm dan il-kors għal sena oħra.

18.3.2. Is-Sur Chircop qal kif waqt din il-laqgħa il-Ministru offra l-appoġġ tiegħu sabiex dan il-kors jerġa jinżamm.

18.3.3 Is-Sur Chircop irringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti għal din is-serata nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2023.

- *'Have A Ball'*

18.3.4 B'referenza għal din il-proposta li kienet ġie approvata fil-laqgħa tar-Reġjun preċedenti, is-Sur Chircop informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu 2023 ser tkun qed tinżamm laqgħa mal-Ministru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, l-0nor. Clifton Grima, sabiex jiġi diskuss il-proġett fejn dan ser ikun qed isir fl-iskejjel fi ħdan ir-Reġjun fis-sajf u jitkompla sa tmiem din is-sena.

18.3.5 Hu żied jgħid kif din il-proposta kienet ġiet diskussa wkoll mal-Ministru Falzon fejn esprima l-interess tiegħu pero l-ewwel tentattiv ser isir mal-Ministru Grima peress li s-suġġett huwa marbut aktar ma' dan il-Ministeru.

18.3.6 Il-President qal ukoll kif dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand ACES Europe sabiex ir-Reġjun kien qiegħed jiġi mistieden għall-konferenza li ser tkun qed tinżamm Ruma f'Mejju li ġej. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop issuġġerixxa sabiex din it-talba tittressaq lill-Ministru Grima biex naraw jekk jitħajjarx

jibgħat rappreżentant minn-naħa tiegħu u forsi jkun hemm ukoll rappreżżentant minn dan ir-Reġjun. Jekk ma jkunx hemm rispons minn-naħa tal-Ministeru, din il-komunikazzjoni terġa tiġi ppreżentata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss. Għal din ir-raġuni, aktar informazzjoni dwar dan ser tkun qed tingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *LESA*

18.3.7 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Marzu 2023 fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, u l-Uffiċjal Maniġerjali fuq il-Waste, Ryan Zammit, iltaqgħu mas-Sur Svetlic Flores sabiex tiġi diskussa l-għajnuna u l-aħjar mod ta' komunikazzjoni li għandu jkun hemm meta ikun hemm abbuż legali fir-rimi ta' skart.

18.3.8 Waqt din il-laqgħa s-Sur Chircop talab lis-Sur Svetlick jinfurmana liema uffiċjal huwa responsabbli fuq il-monitoraġġ fir-Reġjun tagħna. Hu spjega kif s-Sur Svetlick infurmana li t-tribunali għadhom jimxu bl-istruttura ta' ħames Reġjuni u spjega min huma l-uffiċjali responsabbli.

18.3.9 Il-President semma wkoll kif din il-laqgħa serviet ukoll bħala okkazzjoni sabiex is-Sur Flores jippreżenta l-ammont ta' €5,000 lejn l-avvenimenti marbuta mat-titlu Reġjun Ewropew tal-Isports 2023. Is-Sur Chircop irringrazzja wkoll lis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, talli għamlet dan is-suġġeriment u bdiet din it-talba.

- *Laqgħa mall-Awtorità tal-Bini U l-Kostruzzjoni*

18.3.10 B'referenza għal din il-laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Marzu 2023 minn din l-Awtorità għall-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun, is-Sur Chircop spjega dwar il-ħidma li qed tiġi mwettqa minn din l-Awtorità. Din il-laqgħa inżammet ġewwa il-Ministeru għax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ġewwa l-Furjana.

18.3.11 Il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, staqsa kif din il-laqgħa kienet ġiet komunikata mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

18.3.12 Is-Segrertarju Eżekuttiv spjegat kif r-Reġjun kien irċieva stedina permess ta' emejl indirizzata lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv u kif kienu infurmat bl-attendenza tagħhom b'mod immedat. Madanakollu xi ftit ġranet qabel inżammet din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif hi kienet ġiet infurmata sabiex tieħu ħsieb tinforma lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex ikun hemm rappreżentanza minn kull Kunsill Lokali.

18.3.13 Żiedet tgħid ukoll kif il-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali kienu attendew dinil-laqgħa.

18.3.14 ***18:06pm – is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, waslet għal din il-laqgħa.***

- *Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali*

18.3.15 Il-President għamel referenza għall-laqgħa li nżammet mal-Onor. Alison Zammit Civelli nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu 2023 fejn hu kien preżenti flimkien mal-membri ta' l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Chircop spjega kif matul din il-laqgħa ġew diskussa diversi proposti dwar ir-riforma.

- *Talba mis-Sindku Noel Muscat*

18.3.16 Il-President ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni li hu kien irċieva mis-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, fejn talab sabiex ir-Reġjun jesplora l-idea li tiġi mibnija struttura diġitali fejn fuqha jitpoġġew l-għamara li hemm fit-toroq u li huma responsabbli minnhom il-Kunsill Lokali rispettiv.

18.3.17 Is-Sur Chircop żied jgħid kif din l-idea hija waħda tajba ħafna u għandha ssir ġaladarba r-Reġjun ikollu l-pożizzjoni ta' IT Officer impjegat miegħu.

18.3.18 Is-Sur Omar Elaref Arab spjega kif il-Kunsill Lokali ta' Pembroke għandhom *app* li hija simili ta' din il-proposta u spjega kif is-sistema taħdem.

18.3.19 Is-Segretarju Eżekuttiv fakret fid-dokumenti li kienu anke ġew mitluba mill-Kunsilli Lokali sabiex kull *playingfield* ikollha *log book* bl-informazzjoni kollha neċessarja. Dwar dan, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed titlob lill-Uffiċjal Maniġerjali tal-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, sabiex tibda titlob din l-ifnromazzjoni meħtieġa mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

18.3.20 Wara diskussjoni qasira dwar dan bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex din is-sistema tiġi esplorata aktar fid-dettal.

18.3.21 Il-President ressaq fuq il-mejda punt ieħor li talab is-Sur Muscat għall-attenzjoni tal-membri preżenti. Is-Sur Muscat kien qed jitlob lir-Reġjun jesplora l-idea sabiex ir-Reġjun ikollu perit li jkun qed jara x'permessi qed ikunu maħruġa fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

18.3.22 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Sciberras, spjega kif huma għandhom dan is-serviżż fil-lokalità u kif kumpanija waħda diġa ma tleħħaqx ma' lokalità waħda, iktar u iktar ma' tnax-il lokalità.

18.3.23 Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, spjegat kif is-Sur Muscat ried ifisser li dan is-servizz għandhu jkun fuq permessi li jeffetwaw aktar minn lokalità waħda.

18.3.24 Inżammet diskussjoni qasira fuq dan is-suġġett bejn il-membri preżenti u kien hemm qbil li din ir-responsabilità għandha tkun f'idejn il-Kunsill Lokali rispettiv.

18.3.25 Il-President fakkar lill-membri fil-laqgħa li kienet ser tkun qed tinżamm it-Tnejn 27 ta' Marzu 2023 ġewwa The Imperial, tas-Sliema, sabiex ikun hemm diskussjoni aħjar dwar pjanar ta' *open spaces.*

18.3.26 Is-Sa Abela fakret lill-President dwar punt ieħor li xtaq iressaq is-Sur Muscat li kienet titratta dwar studju – *carrying capacity*.

18.3.27 Il-President spjega aktar fid-dettal it-talba tas-Sur Muscat u issuġġerixxa sabiex tintalab laqgħa ma' l-Univerità sabiex wieħed jesplora l-fakluta li dan l-istudju jkun jistà jsir b'kollaborazzjoni magħhom.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

18.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 18.5 Rapporti

18.5.1 Il-President informa lill-membri kif ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentant f'din il-laqgħa.

## 18.6 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq il-pożizzjoni ta' Clerk mal-Kunsill Reġjonali Lvant*

18.6.1 Il-President, Anthony Chircop, informa lill-membri preżenti kif sad-data ta' l-għeluq dan ir-Reġjun kien irċieva għaxar applikazzjonijiet li kienu eleġibbli għal din il-pożizzjoni. Il-Bord kompost mill-President flimkien mas-Sur Max Zammit, Dott. Conrad Borg Manche u s-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu 2023 u b'kollox inżammu 6 intervisti.

18.6.2 Is-Sur Chircop qal kif il-bord kien qed jirrakomanda lis-Sa Maya Grech Rogers għal din il-pożizzjoni. Jekk din ma taċċettax għandhom jissejħu l-kumplament ta' l-applikanti skond il-lista maqbula mill-bord.

- *Uffiċjali Reġjonali*

18.6.3 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti kif il-Persuna li kienet approvata għal pożizzjoni ta' Uffiċjal tal-Kultura kienet infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma kinitx ser taċċetta din il-pożizzjoni peress li ddeċidiet li tmur ma' Reġjun ieħor. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv infurmat immedjatament lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lill-Jobsplus dwar dan sabiex jinbeda l-proċess għal din is-sejħa mill-ġdid.

18.6.4 Is-Sur Chircop spjega wkoll dwar is-sejħa taż-żewġ maniġers – Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali u Uffiċjal Reġjonali ta' l-IT fejn kienet għalqet nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu 2023.

18.6.5 Is-Sur Chircop spjega kif peress li ma kien hemm l-ebda interess mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Jobsplus dwar dan sabiex titkompla l-proċess ta' ingaġġ.

18.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif ftit tal-ħin qabel ma bdiet il-laqgħa tar-Reġjun kienet ghadha kif irċiviet lista ta' applikanti eleġibbli għal IT Officer. Għalkemm din is-sejħa tagħlaq nhar it-30 ta' Marzu 2023, il-Jobsplus taw l-awtorizazzjoni sabiex din is-sejħa tkun tista tinħareġ esternament wkoll.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

18.6.7 B'referenza għal din is-sejħa, is-Sur Chircop informa lill-membr kif din il-pożizzjoni kienet għalqet nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2023 u kien hemm żewġ applikanti eleġibbli. Għal din ir-raġuni hu spjega kif il-bord ser ikunu qed jitaqa fil-ġranet li ġejjin sabiex jinżammu dawn l-intervisti.

- *Accounts Officer (Scale 11 – Full Time)*

18.6.8 Is-Sur Chircop spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lid-Diviżjoni kif ukoll lill Jobsplus kif l-ebda applikazzjoni ma setgħet tiġi kkunsidrata bħala eleġibbli minħabba li ħadd ma kellu 3 A Levels u għal din ir-raġuni ġiet mitluba sabiex tibda l-proċess mill-bidu nett bil-kwalifikazzjonijiet ġodda.

18.6.9 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif aġġornament dwar kull sejħa ser tkun qed tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 18.7 Reġjun tal-Kultura 2024

18.7.1 Il-President għamel referenza għal dan it-titlu u kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa onlajn mas-Sa Mary Anne Cauchi, mill-Arts Council Malta, nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2023 sabiex ir-Reġjun jifhem aħjar x'qed jiġi mistenni minnu.

18.7.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif is-Sa Cauchi spjegat kif l-ewwel pass għandu jkun li jiġi ingaġġat Direttur Artistiku u kif dan għandu jkun persuna waħda u mhux grupp ta' nies. Dan il-persuna jrid ikun magħżula permezz ta' espressjoni ta' interess maħruġa mir-Reġjun.

18.7.3 Is-Sur Chircop żied jgħid kif is-Sa Cauchi ser tkun qed tibgħat *draft* ta' din l-espressjoni ta' interess sabiex tinħareġ mill-aktar fis possibli sabiex il-programm u x-xogħol konċernat jibda jsir mill-aktar fis possibli.

18.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li waqt din il-laqgħa is-Sa Cauchi infurmathom dwar fondi li ser ikunu qed jinħarġu lejn tmiem din is-sena fejn dawn il-fondi jistgħu jkunu miżjuda għal dan it-titlu.

## 18.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex*

18.8.1 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun bl-applikazzjoni li kienu waslu sa nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023 u ħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex japplikaw peress li l-interess ma kienx wieħed kbir.

18.8.2 ***18:53pm – is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *Rotta Dei Fenici*

18.8.3 Il-President għamel referenza għall-komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ħlas marbut ma' din is-sħubija għas-sena 2023 - ta' €2,000.

18.8.4 Il-membri preżenti approvaw li jsir dan il-ħlas b'mod unanimu.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

18.8.5 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu 2023, dan ir-Reġjun kien irċieva l-ewwel tranche ta' l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2023 bl-ammont ta' €422,072.00.

- *Talba mill-Kunsill Lokali Gżira*

18.8.6 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex minn skema finanzjarja numru 3/2023 jixtieq li jsiru xogħolijiet neċesssarji sabiex ikun hemm aċċess għax-xelters li hemm taħt is-Savoy Gardens

18.8.7 Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, spjega aktar fid-dettal dan il-proġett.

18.8.8 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Xiri ta' Għamara*

18.8.9 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw mwejjed fl-uffiċini għall-ħaddiema tar-Reġjun.

18.8.10 Il-membri preżenti approvaw l-orħos offerta li kienet ġiet ippreżentata minn Oxford House.

- *Servizz ta' koordinatur*

18.8.11 Il-President informa lill-membri kif l-uffiċċju kien talab sabiex jiġbor kwotazzjoni sabiex ir-Reġjun ikollu servizz ta' koordinatur għall-avvenimenti relatati mal-European Region of Sports 2023. Madanakollu hu spjega kif il-kwotazzjonijiet ma ġewx sottometti kollha u kif għal din ir-raġuni ser jerġgħu jkunu qed jintalbu u jiġi mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

18.8.12 *19:08pm – is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, skużat ruħha minn din il-laqgħa minħabba impenji oħra.*

- *Kunsill Lokali l-Imsida*

18.8.13 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li kienet ġiet imressqa mingħand dan il-Kunsill sabiex jitlob li jiġu organizzati diversi attivitajiet b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Lvant, fosthom sabiex ikun hemm servizz ta' banda, transport għat-tfal ta' l-iskola u *refreshments* waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp, nhar l-20 ta' Marzu 2023; Il-Kuncett tas-Sawm fir-Religjonijiet, nhar il-25 ta' Marzu 2023 , fejn ser ikun qed jiġi provdut ikel u sound; għal purcissjoni għat-tfal bil-vari, nar it-28 ta' Marzu 2023 billi jkun hemm banda, transport ghat-tfal tal-iskola, u refreshments; Konferenza li ser tinzamm Malta mill- Border Towns and Islands Network for a more Supportive, Inclusive and Responsible Europe bit-tema "Walls and Doors in Europe: Migration Policies and European Citizenship from the Border Towns and Islands Perspective", fejn hemm bżonn ta' *tokens* u *refreshments.*

18.8.14 Il-President żied jgħid ukoll kif dan il-Kunsill ser iżomm tournament tal-cricket nhar it-18 u 19 ta' Marzu 2023 u għal din ir-raġuni ser ikunu qed jinxtraw it-tophies.

18.8.15 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kuntratt – Street Lightening*

18.8.16 Il-membri preżenti qajmu diskussjoni dwar dan il-kuntratt fejn ħafna mill-membri espremew ix-xewqa li din it-talba tiġi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Lvant.

18.8.17 Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun spjegat li dan is-suġġett kien ġie diskuss fil-bidu ta' din il-leġislatura ġdida peress li kien hemm Reġjun ġdid u kompożizzjoni ġdida.

18.8.18 Peress li ħafna mill-membri jixtieqw li din is-sejħa tinħareg mir-Reġjun Lvant, is-Segretarjtu Eżekuttiv ser tkun qed terġa tiġbor l-informazzjoni meħtieġa ma' dan is-suġġett u jiġi ppreżentat fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss sabiex dan is-suġġett ikun jistà jiġi diskuss mill-membri preżenti u tittieħed deċiżjoni.

## 18.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

18.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta’ pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

18.9.2 Is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sa MargareT Baldacchino Cefai, sekondat mis-Sindku ta’ l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 15A u 15B.

18.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 18.10 Mozzjonijiet

18.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x’tiġi diskussa f’din il-laqgħa.

## 18.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:47 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta’ April 2023, fil-17:30 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 24 ta’ April, 2023.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv